

21997D0904(04)

L 242/72

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

4.9.1997

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 24/97****tas-6 ta' Mejju 1997****li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li Jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ il-Ftehim, u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi l-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat b'Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 17/97 ta' l-24 ta' Marzu 1997 ⁽¹⁾;

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkulaw fil-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u nternazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali ⁽²⁾ għandha tiġi nkorporata fil-Ftehim;

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tabroga, b'effett mis-17 Settembru 1997, id-Direttiva tal-Kunsill 85/3/KEE tad-19 ta' Diċembru 1984 dwar il-piżijiet, dimensjonijiet u ċerti karettistiċi tekniċi oħra ta' ċerti vetturi tat-triq ⁽³⁾ u l-emendi suċċessivi tagħhu u d-Direttiva tal-Kunsill 86/364/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar il-provi tal-konformità tal-vetturi mad-Direttiva 85/3/KEE dwar il-piżijiet, dimensjonijiet u ċerti karettistiċi tekniċi oħra ta' ċerti vetturi tat-triq ⁽⁴⁾ li huma nkorporati fil-Ftehim u li għalhekk għandhom jiġu mħassrin mill-Ftehim li b'effett mill-istess data,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jidħol wara l-punt 15 (Direttiva tal-Kunsill 86/364/KEE) fl-Anness XIII tal-Ftehim:

"15a. **396 L 0053:** Id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkulaw fil-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali (ĠU L 235, tas-17.9.1996. p. 59).".

Artikolu 2

It-test tal-punt 14 (Direttiva tal-Kunsill Nru 85/3/KEE) u t-test tal-punt 15 (Direttiva tal-Kunsill Nru 86/364/KEE) għandu jiġu mħassar b'effett mis-17 ta' Settembru 1997.

Artikolu 3

It-testi tad-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE fl-ilienn Islandiż u Norveġiż, li huma annessi mal-verżjonijiet tal-lingwa rispettiva ta' din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-7 ta' Mejju 1997, bil-kondizzjoni li n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikun saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

⁽¹⁾ Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

⁽²⁾ ĠU L 235, tat-17.9.1996, p. 59.

⁽³⁾ ĠU L 2, tat-3.1.1985, p. 14.

⁽⁴⁾ ĠU L 221, tas-7.8.1986, p. 48.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-suppliment taż-ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmul fi Brussel, fis-6 ta' Mejju 1997.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

C. DAY
